

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 149/2009

tal-20 ta' Frar 2009

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 214/2001 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward interventi fis-suq tat-trab tal-ħalib xkumat

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

pubbliku ta' trab tal-ħalib xkumat għal prezz fiss għall-kwantità offruta ta' 109 000 tunellati għall-perjodu bejn l-1 ta' Marzu u l-31 ta' Awwissu.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 10(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi għal intervent pubbliku għat-trab tal-ħalib xkumat.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 214/2001 ⁽²⁾ stabbilixxa r-regoli dettaljati dwar intervent pubbliku għat-trab tal-ħalib xkumat.
- (3) Minħabba l-arranġamenti l-ġodda u fid-dawl tal-esperjenza miksuba, huwa xieraq li r-regoli dettaljati li jirregolaw l-intervent fis-suq tat-trab tal-ħalib xkumat jkunu emendati u simplifikati fejn ikun meħtieġ.
- (4) L-Artikolu 10(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jistipula standard ġdid ta' 34 %, bl-użin ta' materjal niexef bla xaħam, għall-proteina fit-trab tal-ħalib xkumat, għalhekk it-tifsira tal-prodott eliġibbli għandha tiġi emendata.
- (5) L-Artikolu 13(1)(d) flimkien mal-Artikolu 18(2)(e) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jillimita l-intervent
- (6) Sabiex ikun hemm konformità mal-limitu ta' 109 000 tunellati jkun xieraq li jkun provdut perjodu ta' riflessjoni, qabel ma, tittieħed deċiżjoni fuq l-offerti, li matulu jittieħdu miżuri speċjali li japplikaw partikolarment għall-offerti pendenti. Dawn il-miżuri jistgħu jikkonsistu f'għeluq ta' intervent, l-applikazzjoni ta' persentaġġ tal-allokazzjoni u ċ-ċaħda ta' offerti pendenti. Dawn jeħtieġu azzjoni rapida u l-Kummissjoni għandha tkun tista' tiegħu d-deċiżjonijiet neċessarji kollha mingħajr dewmien. Minħabba l-festi publiċi f'April 2009, għandha tingħata deroga rigward id-dati għall-preżentazzjoni tal-offerti sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-limitu ta' 109 000 tunellati li jinxtraw bi prezz fiss.
- (7) Il-livell tal-garanzija għandu jiżgura li l-offerti mressqa ma jiġux irtirati, għalhekk għandha tapplika garanzija ta' 5 EUR għal kull 100 kg għall-offerti kollha fil-qafas ta' dan ir-Regolament.
- (8) Il-ħażna privata tat-trab tal-ħalib xkumat tneħħiet bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1152/2007 ⁽³⁾, u r-riferenzi għal din l-iskema għandhom jitħassru.
- (9) Il-kwantitajiet żgħar ta' residwi, li jkunu tħallew fl-imħażen, għandhom jiġu evitati u kwantitajiet sa 5 000 kg għandhom jiġu offruti lill-offerenti magħżula.
- (10) Ir-Regolament (KE) Nru 214/2001 għandu jiġi emendat skont dan.
- (11) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007 p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 37, 7.2.2001, p. 100.

⁽³⁾ ĠU L 258, 4.10.2007, p. 3.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-aġġustament tal-proteina, jekk applikabbli, għandu jsir fil-fażi likwida.

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 214/2001 huwa emendat kif ġej:

Madankollu, jekk il-Kummissjoni taqbel, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu sistema ta' awtokontroll li taqa' taħt is-superviżjoni tagħhom stess għal ċerti rekwiżiti ta' kwalità u ċerti impriżi approvati.

(1) L-Artikolu 1 jinbidel kif ġej:

“Artikolu 1

Dan ir-Regolament jippreskrivi r-regoli dettaljati għal intervent fis-suq tat-trab tal-ħalib xkumat kif previst fl-Artikolu 10(1)(f) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (*), rigward:

- (a) ix-xiri bil-prezz fiss kif jissemma fl-Artikolu 13(1)(d) flimkien mal-Artikolu 18(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007;
- (b) ix-xiri li jaqa' taħt sejħa għal offerti li qiegħda fis-seħħ kif imsemmija fl-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007;
- (c) il-bejgħ ta' trab tal-ħalib xkumat minn ħażna pubblika waqt sejħa għal offerti li qiegħda fis-seħħ.

(*) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.”

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

“1. L-aġenzija tal-intervent għandha tixtri biss trab tal-ħalib xkumat li jkun konformi mal-Artikolu 10(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u mal-paragrafi 2 sa 7 ta' dan l-Artikolu u li jkun offrut għal intervent fil-perjodu bejn l-1 ta' Marzu sal-31 ta' Awwissu.”

(b) Il-Paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

“2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jispezzjonaw il-kwalità tat-trab tal-ħalib xkumat billi jużaw il-metodi analitiċi stabbiliti fl-Anness I għal dan ir-Regolament abbażi ta' kampjuni meħuda skont ir-regoli stabbiliti fl-Anness III għal dan ir-Regolament. L-ispezzjonijiet għandhom jistabbilixxu li, ħlief il-materja prima awtorizzata użata għall-aġġustament tal-proteina kif imsemmija fl-Anness I(4)(b) għad-Direttiva tal-Kunsill 2001/114/KE (*) it-trab tal-ħalib xkumat ma jkunx fih prodotti oħra, partikolarment xorrox tal-butir jew xorrox, kif definit fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

(*) ĠU L 15, 17.1.2002, p. 19.”

(3) Fl-Artikolu 4(1), it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

“L-ċertifikat għandu jkun fih l-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (b) u (ċ) tal-Artikolu 2(6) u l-konferma li t-trab tal-ħalib xkumat ġie prodott minn ħalib xkumat f'attività approvata fil-komunità u li l-aġġustament tal-proteina, jekk applikabbli, tkun saret fil-fażi likwida, kif stabbilit fl-Artikolu 10(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.”

(4) It-titlu fit-Taqsima 2 huwa emendat kif ġej:

“Taqsima 2

Il-proċedura għax-xiri bi prezz fiss”

(5) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) It-tieni subparagrafu huwa mħassar.

(ii) Jiddaħħal subparagrafu ġdid:

“L-offerti ppreżentati nhar ta' Sibt, nhar ta' Ħadd jew f'festa pubblika għandhom jitqiesu li jkunu waslu mill-aġenzija tal-intervent fl-ewwel ġurnata ta' xogħol wara l-ġurnata li fiha jkunu tressqu.

L-offerti ppreżentati fil-perjodu bejn is-6 u t-13 ta' April 2009 għandhom jitqiesu li jkunu waslu għand l-aġenzija tal-intervent fl-14 ta' April 2009.”

(b) Fil-paragrafu 3, il-punt (ċ) qed jinbidel b'dan li ġej:

“(c) tiġi provduta evidenza li l-bejjiegħ iddepożita garanzija ta' 5 EUR għal kull 100 kg fl-Istat Membru li fih ġiet ippreżentata l-offerta, mhux aktar tard minn ġurnata wara dik li fiha tkun waslet l-offerta.”

(c) Jiddaħħal paragrafu ġdid:

“5. L-offerti ma jistgħux jiġu rtirati wara li jkunu waslu għand l-aġenzija tal-intervent.”

(6) L-Artikolu 6 jinbidel kif ġej:

“Artikolu 6

Iż-żamma tal-offerta, il-kunsinna tat-trab tal-ħalib xkumat fil-maħżen iddeżinjat mill-aġenzija tal-intervent fit-terminu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament u l-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament għandhom jikkostitwixxu r-rekwiżiti ewlenin skont it-tifsira tal-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 (*).

(*) ĠU L 205, 3.8.1985, p. 5.”

(7) L-Artikolu 7 jinbidel b'dan li ġej:

(a) Il-Paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

“1. Wara li tkun eżaminat l-offerta, u wara l-ħames ġurnata ta' xogħol wara dik li fiha tkun waslet l-offerta ta' bejgħ, l-aġenzija tal-intervent għandha toħroġ ordni ta' kunsinna sakemm il-Kummissjoni ma tadottax miżuri speċjali skont l-Artikolu 9a(3).

L-ordni ta' kunsinna għandha tkun iddatata u nnumerata u għandha turi:

(a) il-kwantità ta' trab tal-ħalib xkumat li jrid jitwassal;

(b) id-data finali għall-kunsinna;

(c) il-post tal-maħżen fejn trid titwassal.

L-ordnijiet tal-kunsinna ma għandhomx jinħarġu għall-kwantitajiet li ma jkunux ġew innotifikati skont l-Artikolu 9a(1).”

(b) Il-paragrafi 3 u 4 jinbidlu b'dan li ġej:

“3. Il-garanzija msemmija fl-Artikolu 5(3)(c) għandha tinħeles fil-mument li, l-bejjiegħ ikun wassal l-kwantità indikata fl-ordni tal-kunsinna fit-terminu ta' żmien stabbilit fiha u tkun ġiet stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 2.

Jekk it-trab tal-ħalib xkumat ma jkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2, it-trab tal-ħalib xkumat għandu jitwarrab u l-garanzija għandha tintilef firrigward tal-kwantitajiet imwarrba.

4. It-trab tal-ħalib xkumat għandu jitqies li jkun ittieded mill-aġenzija tal-intervent fil-ġurnata meta l-kwantità kollha tat-trab tal-ħalib xkumat kopert mill-ordni tal-kunsinna tidħol fil-post tal-ħażna ddeżinjat mill-aġenzija tal-intervent, iżda mhux qabel il-ġurnata li tinħareġ l-ordni tal-kunsinna.”

(8) Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 jitħassar.

(9) L-artikolu 9a li ġej huwa miżjud fis-Taqsim 2:

“Artikolu 9a

1. Mhux aktar tard mis-14.00 (ħin ta' Brussell) ta' kull nhar ta' Tnejn, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet ta' trab tal-ħalib xkumat li, matul il-ġimgħa preċedenti, kienu s-suġġetti ta' offerta ta' bejgħ skont l-Artikolu 5.

2. Malli jkun osservat li l-offerti msemmija fl-Artikolu 5, f'sena partikolari, joqorbu t-80 000 tunnellata, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri minn liema data għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 kull ġurnata ta' xogħol qabel is-14.00 (ħin ta' Brussell) għall-kwantitajiet ta' trab tal-ħalib xkumat offruti fil-ġurnata preċedenti.

3. Sabiex tikkonforma mal-limiti msemmija fl-Artikolu 13(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, mingħajr l-assistenza tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 195(1) tal-istess Regolament:

(a) biex tagħlaq intervent ta' xiri bi prezz fiss;

(b) li tistabbilixxi perċentwali waħdieni li bih titnaqqas il-kwantità totali tal-offerti li tirċievi f'dik il-ġurnata minn kull bejjiegħ, meta l-aċċettazzjoni tal-kwantità kollha offruta f'ġurnata partikolari twassal biex tinqabeż il-kwantità massima;

(c) fejn huwa xieraq, li tiċħad offerti li ma tkun ħarġet l-ebda ordni ta' kunsinna għalihom.

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 5(5) ta' dan ir-Regolament, bejjiegħ li huwa soġġett għal aċċettazzjoni mnaqqsa tal-offerta tiegħu kif imsemmi fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu, jista' jiddeċiedi li jirtira l-offerta tiegħu fi żmien ħamest ijiem mill-pubblikazzjoni tar-Regolament li jiffissa l-perċentwali ta' tnaqqis.”

(10) L-Artikolu 11 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 11

1. L-aġenzija tal-intervent tagħżel il-maħżen disponibbli li jkun l-eqreb għall-post fejn ikun maħżun it-trab tal-ħalib xkumat.

Madankollu, l-aġenzija tal-intervent tista' tagħżel maħżen ieħor li jkun jinsab mhux aktar minn 350 km bogħod sakemm l-għażla ta' dak il-maħżen ma tirriżultax fi spejjeż addizzjonali ta' ħżin.

L-aġenzija tal-intervent tista' tagħżel maħżen li jkun jinsab lil hinn minn dik id-distanza jekk l-ispiża li tirriżulta, inklużi spejjeż ta' ħżin u transport, tkun aktar baxxa. F'dak il-każ l-aġenzija tal-intervent trid tavża minnufih lill-Kummissjoni bl-għażla tagħha.

2. Meta l-aġenzija tal-intervent li tixtri t-trab tal-ħalib xkumat tkun fi Stat Membru li ma jkunx dak li fit-territorju tiegħu qed jiġi maħżun it-trab tal-ħalib xkumat, m'għandhiex titqies, fil-kalkolazzjoni tad-distanza massima msemija fil-paragrafu 1, id-distanza bejn il-maħżen tal-bejjiegħ u l-konfini tal-Istat Membru tal-aġenzija tal-intervent li tixtri.

3. Lil hinn mid-distanza massima msemija fil-paragrafu 1, l-ispejjeż addizzjonali ta' trasport li tagħmel tajjeb għalihom l-aġenzija tal-intervent għandhom ikunu EUR 0.05 għal kull tunnellata u għal kull kilometru.”

(11) L-Artikolu 13 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 13

Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li t-trab tal-ħalib xkumat għandu jinxtara b'sejħa miftuħa permanenti għall-offerti skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 flimkien ma' 18(2)(e) tal-imsemmi Regolament u skont il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 195(2) tiegħu, l-Artikoli 2, 3, 4, 10, 11 u 12 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw sakemm mhux preskritt mod ieħor f'din it-Taqsima.”

(12) L-Artikolu 14(2) jinbidel b'dan li ġej:

“2. Il-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-offerti b'risposta għas-sejħiet individwali għal offerti għandu jkun il-11:00 (ħin ta' Brussell) fit-tielet nhar ta' Tlieta tax-xahar bl-eċċezzjoni tar-raba' nhar ta' Tlieta ta' Awwissu. Jekk it-Tlieta tkun festa pubblika il-limitu ta' żmien għandu jkun il-11:00 (ħin ta' Brussell) fil-ġurnata tax-xogħol ta' qabel.”

(13) L-Artikolu 15 tal-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) għandu jinbidel b'dan li ġej:

“(a) dawn jirrigwardaw trab tal-ħalib xkumat manifatturat matul il-31 ġurnata jew, fejn xieraq, erba' ġimgħat qabel id-data tal-għeluq għall-preżentazzjoni tal-offerti kif imsemmi fl-Artikolu 14(2).”

(b) il-punt (d) jinbidel b'dan li ġej:

“(d) tingħata evidenza li l-offertant iddepożita garanzija ta' EUR 5 għal kull 100 kg għas-sejħa għall-offerta kkonċernata, fl-Istat Membru li fih ġiet ippreżentata l-offerta, qabel id-data tal-għeluq għall-preżentazzjoni tal-offerti.”

(14) L-Artikolu 16 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 16

Iż-żamma tal-offerta, il-kunsinna tat-trab tal-ħalib xkumat fil-maħżen iddeżinjat mill-aġenzija tal-intervent fit-terminu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 19(3) ta' dan ir-Regolament u l-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 2 tiegħu għandhom jikkostitwixxu r-rekwiżiti ewlenin skont it-tifsira tal-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85.”

(15) Fl-Artikolu 17, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

“2. Fid-dawl tal-offerti li waslu għal kull sejħa għal offerti, il-Kummissjoni għandha tistipula prezz massimu għax-xiri skont il-proċedura msemija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.”;

(16) L-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

“2. L-aġenzija tal-intervent għandha toħroġ immedjatament lill-offerenti magħżula ordni ta' kunsinna ddatata u nnumerata li tindika:

(a) il-kwantità li sejra titwassal;

(b) id-data finali għall-kunsinna tat-trab tal-ħalib xkumat;

(c) il-post tal-maħżen fejn din trid titwassal.

L-ordnijiet tal-kunsinna ma għandhomx jinħarġu għall-kwantitajiet li ma jkunux ġew innotifikati skont l-Artikolu 17(1).”

(b) Il-Paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

“4. Il-garanzija msemmija fl-Artikolu 15(3)(d) għandha tinħeles fil-mument li, l-bejjiegħ ikun wassal l-kwantità indikata fl-ordni tal-kunsinna fit-terminu ta' żmien stabbilit fiha u tkun ġiet stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 2.

Jekk it-trab tal-ħalib xkumat ma jkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2, it-trab tal-ħalib xkumat għandu jitwarrab u l-garanzija għandha tintilef fir-rigward tal-kwantitajiet imwarrba.”

(17) L-Artikolu 20 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

“1. L-aġenzija tal-intervent għandha tħallas lil offerent magħżul il-prezz indikat fl-offerta tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 15(2)(c) bejn il-120 u l-140 ġurnata ta' wara d-data li fiha jittieħed it-trab tal-ħalib xkumat, sakemm jinstab li huwa konformi mal-Artikolu 2(1), (2), (3), (5), (6) u (7) u mal-Artikolu 15(3)(a).”

(b) Il-paragrafu (2) jitħassar.

(18) Fl-Artikolu 22, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

“2. It-terminu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-offerti b'risposta għas-sejħiet individwali għal offerti għandu jkun il-11:00 (ħin ta' Brussell) fit-tielet nhar ta' Tlieta tax-xahar. Madankollu, f'Awwissu għandu jkun il-11:00 (ħin ta' Brussell) fir-raba' nhar ta' Tlieta, u f'Diċembru għandu jkun il-11:00 (ħin ta' Brussell) fit-tieni nhar ta' Tlieta. Jekk it-Tlieta tkun festa pubblika it-terminu ta' żmien għandu jkun il-11:00 (ħin ta' Brussell) fil-ġurnata tax-xogħol ta' qabel.”

(19) L-Artikolu 24c huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Paragrafu 6 jinbidel b'dan li ġej:

“6. Jekk wara l-aċċettazzjoni tal-offerti kollha magħżula l-kwantità li tibqa' fil-maħżen tkun anqas minn 5 000 kg, din il-kwantità żejda għandha tkun offruta mill-aġenzija tal-intervent lill-offerenti magħżula u tibda minn dak li offra l-ogħla prezz. L-offerent magħżul għandu jingħata l-għażla li jixtri l-kwantità żejda bl-istess prezz ta' dik mogħtija lilu.”

(b) Għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

“7. L-Istati Membri għandhom jibagħtu l-isem u l-indirizz ta' kull offerent li jikkorrispondi man-numru kkodifikat imsemmi fl-Artikolu 24a(1) mhux aktar tard mit-tielet ġurnata ta' xogħol tal-ġimgħa wara l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 24a(2).”

(20) Fl-Artikolu 24e għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

“3. Ħlief fil-każijiet ta' *force majeure*, jekk l-offerent magħżul ma jkunx ikkonforma mar-rekwiżiti provduti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-garanzija tal-offerta msemmija fl-Artikolu 23(3)(c) għandha tintilef u l-bejgħ tal-kwantitajiet involuti għandu jitħassar.”

(21) Il-Kapitolu III jitħassar.

(22) Il-Kapitolu IV jitħassar.

(23) L-Anness I jiġi mibdul bit-test stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Marzu 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Frar 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

“ANNEX I

REKWIŻITI TA' KOMPOŻIZZJONI, KARATTERISTIĊI TA' KWALITÀ U METODI ANALITIĊI

Parametri	Karatteristiċi ta' kontenut u kwalità	Metodu ta' referenza
Kontenut tal-proteina	Minimu ta' 34,0 % ta' materja xotta bla xaħam	(¹)
Kontenut ta' xaħam	Massimu ta' 1.00 %	(¹)
Kontenut ta' ilma	Massimu ta' 3,5 %	(¹)
aċidità titratabbli espressa f'ml ta' soluzzjoni tas-sodju idrossidu deċinormali	Massimu ta' 19,5 ml	(¹)
Kontenut ta' ħalib	Massimu 150 mg/100 g	(¹)
Addittivi	Xejn	(¹)
Test tal-phosphatase	Negattiv, i.e., mhux aktar minn 350 mU ta' attività fosfatika għal kull litru ta' ħalib rikositwit	(¹)
Indiċi ta' solubilità	Massimu ta' 0,5 ml (24 °C)	(¹)
Indiċi ta' partiċelli maħruqa	Massimu ta' 15,0 mg, i.e. minimu ta' diska B	(¹)
Kontenut ta' mikro-organiżmi	Massimu ta' 40 000 għal kull gramma	(¹)
Sejbien tal-koliformi	Negattiv f'0,1 g	(¹)
Sejbien ta' xorrox (²)	Negattiv (³)	(¹)
Sejbien tat-tames tax-xorrox (⁴)	Xejn	(¹)
Sejbien ta' xorrox aċiduż (⁴)	Xejn	Metodi approvati mill-awtorità kompetenti
Togħma u riħa	Nadif	(¹)
Dehra	Kulur abjad jew fritt fl-isfar, mingħajr impuritajiet u partiċelli kkuluriti	(¹)
Sustanzi antimikrobiċi	Negattiv (⁵)	(¹)

(¹) Il-metodi ta' referenza li se jiġu applikati għandhom ikunu dawk stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 273/2008 (ĠU L 88, 29.3.2008, p. 1).

(²) 'Ix-xorrox tal-butir' tfisser il-prodott sekondarju tal-manifattura tal-butir li jiġi wara li titħawwad il-krema u jinfired ix-xaħam solidu.

(³) L-assenza ta' xorrox tal-butir tista' tiġi stabbilita jew permezz ta' spezzjoni fil-post tal-pjan ta' produzzjoni mwettqa mingħajr avviż minn qabel mill-inqas darba fil-ġimgħa jew permezz ta' analiżi tal-laboratorju tal-prodott finali li jindika l-massimu ta' 69,31 mg ta' FEDP għal kull 100 g.

(⁴) 'Ix-xorrox' tfisser il-prodott sekondarju tal-manifattura tal-ġobon jew kaseina li ssir permezz tal-azzjoni ta' aċidi, tames u/jew proċessi kimiċi-fiżiċi.

(⁵) Ħalib nej użat għall-manifattura ta' trab tal-ħalib xkumat għandu jissodisfa r-rekwiżiti speċifikati fit-Taqsim IX tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004."